# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Kumpless Umberto Calosso
Triq il-Kbira San {u\epp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt


**20/17**

**Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera msejha b'urgenza mis-Sindku skond artikolu 29A, Taqsima II tal-att Dwar Kunsilli Lokali li saret il-lum 7 ta' Frar, 2011.**

**Preżenti:**

Sur Horace J. Anastasi - Sindku
Sur Ronald Briffa – Vici Sindku
Sur Carmel Camilleri – Kunsillier
Sur Stephen Sultana – Kunsillier
Sur Cleaven Christian Bugeja – Kunsillier
Sur Edwin Formosa – Kunsillier

Joseph M. Formosa – Agent Segretarju Ezekuttiv

**Attendiet ukoll:** Sinjura Romina Perici Ferrante – Accountant tal-Kunsill

**Skuzata:** Sinjura Mariella Micallef – Kunsilliera

**Agenda: Financial Statements ghas sena li ghalqet fil 31 ta Dicembru, 2010**

Il-laqgha bdiet fil 5.40 pm.

Saret referenza ghall-laqgha tat-2 ta Frar, 2011.

Is-Sindku talab il-permess sabiex is-Sinjura Romina Perici Ferrante (accountant tal-Kunsill) tindirizza l-Kunsill u tispjega l-kontenut ta' dawk il-punti ta' importanza li jinfluenzaw l-operat finanzjarju tal-Kunsill.

Is-Sinjura Romina Perici Ferrante ghamlet referenza ghan nota dwar il-kuntratt dwar ir-resurfacing ta 5 toroq gewwa Santa Venera u li dan igib commitment fuq il-Kunsill li ghandu jzomm kontroll strett fuq l-infieq tal-Kunsill. L-accountant wiegbet ghall mistoqsijiet kemm tas-Sindku u l-Kunsillieri u qalet li fl-ahhar xhur tas-sena 2010 kien hemm titjib fil-finanzi tal-Kunsill u li kif juru l-financial statements ghall ahhar tlett xhur tas-sena 2010 dan kien ta 4.38% izda r-regoli finanzjarji dwar il-Kunsilli jezigu 10%.

Is-Sindku spjega li l-Kunsill qed ifittex u japplika ghal fondi ohra fosthom l-Urban Improvement fund, fondi dwar ir-rigenerazjoni tal-Housing Estates minghand l-Awtorita tad-Djar u fondi ohra ta' progetti tal-MEUSAC u b'hekk ikun jista' iwettaq progetti ohra ta' fejda b'risq ir-residenti ta Santa Venera.

Il-Kunsillier Sur Stephen Sultana qal li huwa jkompli jsostni l-fehma tieghu li l-progett tal-PPP ghalkemm huwa parti finanzjat mill-Gvern Centralu sejjer igib li l-Kunsill ikun kostrett li jidhol fid-dejn fuq firxa ta snin u dan jillimita l-operat tal-Kunsill b'mod sever.

Is-Sindku semma diversi aspetti li kienu sejrin inaqsu l-infieq tal-Kunsill minghajr ma jnaqsu s-servizzi u l-efficjenza tal-Kunsill u b'hekk l-Kunsill ikun jista jlahhaq max-xoghol mistenni minnu minghajr diffikulta.

Dawn il-financial statements ghas-sena li ghalqet fil 31 ta Dicembru, 2010 gew approvati mill Kunsillieri kollha prezenti izda l-Kunsillier Sur Stephen Sultana qal li kien qed jastjeni minhabba ragunijiet li huwa indika aktar il-quddiem waqt din il-laqgha.

Dawn il-financial statememts ghas sena li ghalqet fil 31 ta Dicembru 2010 kif gew approvati mill-Kunsill waqt din il-laqgha ghandhom jigu ffirmati mis-Sindku u l-Agent Segretarju Ezekuttiv u ghandhom jinbaghtu lill-awdituri Grant Thornton kif ukoll l-Ufficju tal Awditur Generali sabiex jibda l-awditjar kif stabbilit dwar il-Kunsilli Lokali.

Fl-ahhar parti ta din il-laqgha l-accountant tal-Kunsill spjegat il-linji generali dwar il-bagit ghas-sena 2011.

Is-Sindku qal li dawn kienu indikazzjonijiet ghaliex il-bagit ghandu jigi prezentat wara li ssir laqgha ghall pubbliku kif sstabbilita skond l-artikolu 70 tal-ligi dwar il-Kunsilli Lokali.

F'dan l-istadju saret diskusjoni dwar l-possibilita li l-Kunsill jista jiffranka l-flus specjalment billi jiehu hsieb l-gonna u soft areas minghajr il-htiega ta' kuntrattur.

Is-Sur Stephen Sultana wera dubju jekk in-nefqa kapitali proposta kienetx bizzejjed jew kienet baxxa wisq bhala soma kapitali ghal investiment fl-ghodda mehtiega.

Is-Sindku irribatta billi qal li jekk ikun hemm il-htiega l-Kunsill jikri l-ghodda specjali mehtiega u jikkonsidra x-xiri ta' apparat ghas-sena 2012.

Peress li l-materja li ghaliha kienet giet msejha l-laqgha b'urgenza giet ezaminata l-laqgha ghalqet fis-7.05pm.

Joseph M. Formosa
Agent Segretarju Ezekuttiv

Horace J. Anastasi
Sindku

Data__________________